SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2012**

**SEDUTA NUMRU 51**

**L-ERBGĦA 18 ta' APRIL 2011 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| JOSEPH BONELLO | VIĊI SINDKU |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |

**Mill-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena**

| | |
|---|---|
| MARY ANNE ABELA | VIĊI CHAIRPERSON |

**SKUŻATI:**

| | |
|---|---|
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-minuti tas-Seduta numru 49 ġew approvati. Is-Sindku pproponiet. Il-Kunsillier Fenech ssekonda.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**<u>Mill-Kunsillier Mario Fava</u>**

1. Il-Kunsillier staqsa dwar meta ser jibdew ix-xogħlijiet ta' zebra crossing fil-parti ta' fuq ta' Triq l-Ibrag u l-installazzjoni ta' dawl ġdid fil-parti ta' isfel ta' Triq il-Qasam. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li skont informazzjoni li għandu mingħand il-kuntrattur ix-xogħljiet ser jibdew fil-bidu tax-xahar ta' Ġunju.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx risposta għar-reminder li intbagħtet dwar il-wiċċ ta' Triq ferm ħażina fi Triq il-Marbat. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma waslitx risposta.

3. Il-Kunsillier reġa ddiskuta dwar il-possibilta' ta' sorveljanza mill-wardens fi Triq il-Qasam, Triq is-Swieqi u Pjazza Uqija fil-viċinanza tal-ħwienet. Il-Kunsillier informa li fl-lokalitajiet oħra qed issir sorveljanza għaldaqstant dan għandu jsir ukoll fis-Swieqi. Il-Kunsillier staqsa lis-Sindku biex terġa tiddiskuti din il-materja fil-laqgħa tal-Kumitat Konġunt li jmiss.

4. Il-Kunsillier informa li l-ħwienet fit-tarf tan-naħa ta' fuq ta' Triq il-Qasam qed isibuha diffiċli biex is-suppliers iniżlu l-ordnijiet tagħhom. Għaldaqstant dawn qed jitolbu li ssir zone loading and unloading. Il-Kunsill qabel mal-proposta għaldaqstant talab biex issir applikazzjoni mat-Transport Malta.

*Il-Kunsillier Fava talab biex jiġi skużat. Ħin 5.45p.m.*

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

**II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli…………………)**

**<u>Mill-Kunsillier Paul Fenech</u>**

5. Il-Kunsillier Fenech irrefera għal kaz dwar it-Tower Crane fi Triq is-Swieqi. Hu nforma dwar il-laqgħa li kienet saret fuq il-post. Għal din il-laqgħa kienu preżenti il-Kuntrattur li qed jaħdmu fuq il-post kif ukoll il-Kunsillier Alfred Curmi. F' din il-laqgħa kienet ġiet diskussa l-possibilta' li t-tower crane jiġi armat f' post iehor aktar adattat, filfat l-kuntrattur qabel li dan jista' jintrama fuq il-ġemb tal-ġnien. Il-Kunsillier informa li mindu saret il-laqgħa il-boundary wall tal-crane tneħħa pero' xorta għad jeżisti periklu meta l-kuntrattur jaħdem b' żewġ concrete mixers kbar u crane. Wara diskussjoni il-Kunsill idecieda li kull meta l-Kuntrattur jaħdem b' dawn l-inġenji kbar irid ikun hemm fuq il-post sorveljanza tal-wardens. Ġie deċiż li kull meta l-Kuntrattur jaħdem b' dawn l-inġenji irid juża l-wardens. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jikkomunika mall-Kuntrattur u jinfurmah bid-deċiżjoni.

*Il-Viċi Sindku staqsa biex jiġi skużat. Ħin 6.10p.m.*

**Billi ma kienx baqa quorum, il-laqgħa kellha tieqaf. Ħin 6.10p.m.**

**Reġa wasal għall-laqgħa il-Kunsillier Fava. Ħin 6.25p.m.**

**<u>Mill-Kunsillier Mario Fava</u>**

6. Il-Kunsillier Fava staqsa dwar jekk sarux żviluppi mill-laqgha li kienet saret ma' uffiċjali tat-Tourist Zone. Il-Kunsillier ġie infurmat li d-dipartiment dalwaqt ser jagħmel kuntatti mall-Kunsill sabiex jiġu ddentifikati xi toroq li għandhom jiġu inklużi fis-sistema. Aktar il-quddiem ikun possibli ukoll li ssir laqgħa mall-Perit Mifsud mill-MEPA sabiex dan jispjega is-sistema aktar fid-dettal.

**<u>Mill-Kunsillier Alfred Curmi</u>**

7. Il-Kunsillier staqsa meta ser tiġi ppublikata l-offerta tat-Tennis Court. Is-Sindku nfurmat li din ser tiġi ppublikata fl-aħħar ġimgħa ta' Mejju 2011.

8. Il-Kunsillier staqsa għad-data ta' meta ser isiru l-interviews għall-iskrivana l ġdida mall-Kunsill. Ġiet deċiża data – 30 ta' Mejju 2011 fil-11.30a.m. Il-Kunsillieri Fava u Curmi ser jattendu għal dawn l-interviews

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku rrapurtat dwar il-konferenza li attendiett hi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv fil-Bulgaria. Din kienet konferenza informattiva ħafna u dwarha qed jitħejja rapport li ser jiġi pprezentat fil-laqgħa li jmiss.

2. Is-Sindku nfurmat li kellha kuntatti mall-Ministru George Pullicino dwar xogħlijiet ta' kisi bil-madum taz-zuntier tal-Knisja. Il-Kunsill ġie nfurmat li diġa ġew il-periti tal-Gvern biex jippjantaw ix-xogħlijiet.

3. Dwar il-kisi bit-tarmak (progett PPP) ta' Triq il-Keffa, Tiben, Qasam Sirk u Marbat, il-Kunsill ġie nfurmat li ma hemmx fondi biżżejjed biex ikopru għall-ispejjes ta' imsemmija toroq. Tista ssir biss Triq il-Qasam u forsi Triq il-Keffa. Wara diskussjoni il-Kunsill talab biex jinġib stimi tat-Triq il-Qasam u Triq il-Keffa.

4. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Computer courses ser jibdew f' Ottubru li ġej.

5. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ħarġa anzjana li jmiss ser issir fit-31 ta' Mejju 2011 din ser tkun mawra għall-Ghawdex. L-attivita skolasajf ser tibda fil-11 ta' Lulju sad-9 ta' Settembru 2011. Dwar din l-attivita', is-Sindku infurmat li kellha laqgħa mall-Kumitat tal-Knisja. Fil-laqgħa ġie deċiż li l-Kunsill iħallas deposit ta' €400.00 għal xi ħsarat li jistgħu isiru mit-tfal waqt l-attivita'. Il-Kunsill talab li qabel ma tibda l-attivita' għandhom jittieħdu ritratti ta' kull klassi u l-kuritur ta' fejn ser ikun t-tfal.

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

**<u>Mill-Kunsillier Paul Fenech</u>**

1. Il-Kunsillier irrefera għall-policy adattata dwar Tower Cranes fil-lokalita'. Hu irrefera għar-regolamenti li ġew imposti fil-laqgħa preċedenti. Hu sostna li dawn għandhom jiżdiedu u jaqraw kif ġej:
   a. issir pjanta tas-sit mill-Perit tal-Kunsill li turi fejn ser jintrama il-crane.(spejjez ghall-Kuntrattur)
   b. Certifikat ta' safety mill-Perit tal-Kunsill.
   c. Certifikat mill-uffiċjal inkarigat mill-Health & Safety
   d. Il-permess jingħata wara approvazzjoni mill-kunsillieri responsabbli
   e. pagamenti għal permess jiġu aċċettati wara l-approvazzjoni mill-Kunsill
   f. Il-permess jitħallas għal 6 xhur wara dan jista' tiġi mġedded.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

1. Il-Kunsillier irraporta dwar l-importanza li l-permessi li jingħataw għall-iskips jiġu imwaħħla f' post fejn jidher fuq l-istess skip. Dawn il-permessi jinkludu d-dati tal-bidu u tmien tal-kirja.

2. Il-Kunsillier staqsa għal kopja aggornata tar-registrju elettorali tal-lokalita' tas-Swieqi.

3. Il-Kunsillier staqsa biex jinżebgħu il-linji sofor fuq it-traffic calmers.

4. Il-Kunsillier informa li l-avviz ta' din il-laqgħa tal-Kunsill ma dherx fuq it-Times of Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-avviz mill-Kunsill intbagħat u intbagħat fil-ħin.

5. Il-Kunsillier informa li x-xogħlijiet ta' rinfurzar tal-bridge fi Triq is-Swieqi ma tkompliex għaldaqstant talab biex isiru kuntatti mat-Transport Malta.

6. Il-Kunsillier staqsa għall-Minuti tal-laqgħa Pubblika tal-Kunsill li kienet saret fis-Sala tal-Paroċċa.

7. Il-Kunsillier irrimarka dwar kurduni neqsin mill-bankina ta' Triq il-Marbat kif ukoll il-ħsarat fl-ewwel bollard ta' l-istess triq. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dawn ix-xogħljiet diġa inklużi fil-programm.

8. Dwar it-Tower Crane ta' Triq is-Swieqi, il-Kunsillier informa li dawl neċessarju għad ma ġiex installat. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jikkomunika mas-sid.

9. Il-Kunsillier issuġerixxa li għandha tiżdied bankina fin-naħa ta' fuq ta' Triq il-Qasam b' hekk it-traffiku li joħroġ Triq is-Sidra ikun iktar viżibli għal dawk li jkunu ġejjin minn Triq il-Qasam. B' din il-miżura ukoll jitnaqqas id-double parking kemm minn vetturi ta' residenti kif ukoll minn trakkijiet ta' deliveries

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-kuntratti ta' l-imsemmija ser jitterminaw.
   a. kwotazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Kunsill
   b. gbir ta' skart goff
   c. sinjali tat-traffiku u marki tat-toroq
   d. Perit tal-Kunsill
   e. Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi

   Il-Kunsill talab sabiex dawn l-offerti jiġu ppublikati.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat li wasal pagament mingħand il-Water Services Corporation ta' €12350 dovut għar-reinstatement ta' li għamel il-Kunsill wara x-xogħlijiet fit-toroq li saru minħabba tiswijja ta' kannen ta' ilma.

3. Offerta ta' Accountant
   Ġew sottomessi erbgħa offerti:

| | |
|---|---|
| **Risk Management Services (Malta) Ltd** | **4533.56** |
| **Mazars** | **6844.00** |
| **KPMG** | **4602.00** |
| **Nexia BT** | **23.60 per hour** |

   Wara diskuzzjoni, il-Kunsill ideċieda dwar l-aktar offerta vantaġġuża – KPMG.

4. Is-Segretarju irrifera għall-korrispondenza mingħand is-Sur Costantino Galea, kuntrattur ta' ġbir ta' skart. Din il-korrispondenza tirrigwardja ħlas għal żieda fil-prezzijiet tad-diesel li saru mill-Kuntrattur tul ix-xhur minn mindu beda l-kuntratt mill-1 ta' Ġunju 2011. Din il-korrispondenza kienet tressqet ukoll għall-attenzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa preċedenti. Kien ġie deċiż li s-Segretarju għandu jindaga aktar fid-dettal dwar il-kondizzjonijiet stipulati fejn jirrigwardja l-għoli tad-diesel. Is-Segretarju informa lidan il-kuntrattur għandu dritt għall-ispejjes ta' l-għoli tad-diesel. U ta' dan ser jibda jitħallas minn Ġunju sa Diċembru u wara kull 3 xhur. L-ewwel pagament qed jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill f'din il-laqgħa.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## VII APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

1. Il-pagamenti kollha li dehru fuq l-iskeda tal-pagamenti ġew approvati.

**Il-Laqgħa spiċċat fit-7.45p.m. u Sar aġġornament għal nhar il-Hamis 23 ta' Ġunju 2011 fil-5.00p.m.**

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**